31971L0118



# ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

## tal-15 ta' Frar 1971

## dwar problemi tas-saħħa li jaffettwaw il-kummerċ tal-laħam frisk tat-tjur

(71/118/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 43 u 100 tiegħu;

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni;

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew [1];

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali;

Billi r-Regolament tal-Kunsill Nru 123/67/KEE [2] tat-13 ta' Ġunju 1967 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-laħam tat-tjur stabbilixxa suq wieħed għal dak is-settur;

Billi, sa kemm il-kummerċ jibqa' jkun imfixkel b'differenzi bejn il-ħtiġiet tas-saħħa ta' l-Istati Membri rigward il-laħam tat-tjur, l-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament ma jkollhiex l-effett mixieq;

Billi sabiex ikunu eliminati dawk id-differenzi, id-disposizzjonijiet tas-saħħa ta' l-Istati Membri għandhom jitqarrbu;

Billi disposizzjonijiet tal-Komunità għandhom ikunu adottati li, wara perjodu tranżitorju matul liema għandhom jikkonċernaw biss il-kummerċ intra-Komunitarju, għandhom japplikaw ukoll għall-laħam tat-tjur għal bejgħ fl-Istati Membri; billi, b'dankollu, din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għall-laħam tat-tjur li, taħt ċerti kondizzjonijiet, jiġi kkonsenjat direttament lejn il-konsumatur mill-produttur;

Billi l-iskop tat-tqarrib propost għandu jkun partikolarment sabiex jinnormalizza l-ħtiġiet ta' l-iġene fir-rigward tal-laħam tat-tjur fil-biċċeriji u matul il-ħażna u t-trasportazzjoni; billi l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jibqgħu responsabbli sabiex japprovaw biċċeriji li jilħqu l-ħtiġiet ta' l-iġene stabbiliti f'din id-Direttiva u sabiex jassiguraw li l-kondizzjonijiet li jirregolaw din l-approvazzjoni jkunu mħarsa; billi għandhom isiru disposizzjonijiet għall-approvazzjoni ta' mħażen tal-kesħa mill-Istati Membri;

Billi sabiex tkun assigurata l-ispezzjoni tas-saħħa approprjata, akkont għandu jittieħed tal-kondizzjonijiet partikolari li permezz tagħhom titwettaq, ċerti doveri għandhom ikunu fdati f'idejn assistenti kwalifikati li jaġixxu taħt ir-responsabbilità u s-sorveljanza ta' uffiċjal veterinarju;

Billi ħtiġiet ta' normi minimi għal-livell teoretiku u prattiku tat-taħriġ ta' dawk l-assistenti u l-kondizzjonijiet l-oħra li huma essenzjali sabiex tkun assigurata l-kompetenza, l-onestà u l-imparzjalità tagħhom għandhom ikunu stabbiliti għall-Istati Membri kollha, imma hekk li ma tkunx eskluża l-possibbiltà ta' normalizzazzjoni progressiva tar-regolamenti u l-programmi relatati mat-taħriġ tagħhom;

Billi, f'dak li jirrigwarda l-kummerċ intra-komunitarju, il-kwistjoni taċ-ċertifikat tas-saħħa magħmul minn uffiċjal veterinarju tal-pajjiż li jesporta huwa meqjus bħala l-aħjar mod sabiex ikunu assigurati l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż tad-destinazzjoni li l-konsenja tal-laħam tat-tjur tkun konformi mad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva; billi dan iċ-ċertifikat għandu jakkompanja l-konsenja tal-laħam tat-tjur lejn il-post tad-destinazzjoni;

Billi l-Istati Membri għandhom ikollhom id-dritt li jipprojbixxu l-introduzzjoni tal-laħam tat-tjur fit-territorju tagħhom minn Stat Membru ieħor li jkun jidher li mhux tajjeb għall-konsum uman jew li ma jħarisx id-disposizzjonijiet tas-saħħa tal-Komunità;

[1] ĠU Nru 109, 9.7.1964, p. 1721/64.
[2] ĠU Nru 117, 19.6.1967, p. 2301/67.

Billi, f'każijiet bħal dawn, il-kunsinnatarju għandu fuq talba tiegħu stess jew fuq talba tar-rappreżentant tiegħu jitħalla jieħu lura l-laħam sakemm ma jkunx hemm raġunijiet oħrajn fuq bażi tas-saħħa li jgħidu l-kontra;

Billi, fil-każ ta' projbizzjoni jew restrizzjoni, ir-raġunijiet ta' dan għandhom jintqalu lill-kunsinnatarju jew lill-aġent tiegħu u wkoll, f'ċerti każi, lejn l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż ta' l-esportazzjoni;

Billi, fil-każ ta' kwistjoni bejnu u bejn l-awtoritajiet ta' l-Istat Membru tad-destinazzjoni dwar il-ġustifikazzjoni tal-projbizzjoni jew tar-restrizzjoni, il-kunsinnatarju għandu jitħalla jikseb l-opinjoni ta' espert veterinarju li jagħżel hu minn numru mħejji mill-Kummissjoni;

Billi kwistjonijiet bejn l-Istati Membri dwar jekk l-approvazzjoni ta' biċċeriji kinetx iġġustifikata għandha tkun deċiża permezz tal-proċedura ta' l-emerġenza fi ħdan il-Kumitat Veterinarju Permanenti stabbilit mill-Kunsill fil-15 ta' Ottubru 1968;

Billi, f'ċerti oqsma li jippreżentaw problemi speċjali, id-disposizzjonijiet fl-Istati Membri ma jistgħux jitqarrbu sakemm ikun sar studju aktar dettaljat;

Billi disposizzjonijiet dwar is-saħħa ta' l-annimali li jirrigwardaw il-kummerċ tat-tjur ħajjin u laħam frisk tat-tjur għandhom ikunu s-suġġett ta' Direttivi oħrajn tal-Komunità; billi sar evidenti li l-ewwel passi għandhom issa jittieħdu lejn it-tqarrib tad-disposizzjonijiet nazzjonali f'dan il-qasam billi jkunu stabbiliti ċerti kondizzjonijiet li permezz tagħhom l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprojbixxu u jillimitaw l-introduzzjoni ta' laħam tat-tjur fit-territorju tagħhom għal raġunijiet ta' saħħa ta' l-annimali u billi jipprovdu għal proċedura ta' l-emerġenza tal-Komunita' fi ħdan il-Kumitat Veterinarju Permanenti li permezz tiegħu miżuri meħuda minn Stat Membru jistgħu jiġu eżaminati b'kooperazzjoni mill-qrib mill-Istati Membri u l-Kummissjoni u, meta approprjat, emendati jew mħassra;

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

TITOLU I

## Disposizzjonijiet ġenerali

*Artikolu 1*

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-kummerċ ta' laħam frisk ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi li ġejjin: tiġieġ, dundjani, farawni, papri u wiżż.

2. Il-partijiet kollha ta' dawk l-annimali li huma tajbin għall-konsum mill-bniedem għandhom jitqiesu bħala laħam tat-tjur.

3. Il-laħam tat-tjur kollu li ma jkunx għadda minn proċess ta' konservazzjoni għandu jitqies bħala laħam frisk; iżda, għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, laħam tat-tjur imkessaħ jew iffriżat għandu jitqies bħala laħam frisk.

*Artikolu 2*

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

(a) karkassa tfisser il-ġisem sħiħ ta' tajra wara li jitneħħa d-demm, tiġi mnittfa u jitneħħew l-interjuri; iżda, it-tneħħija tal-kliewi, is-saqajn mit-tarsu jew tar-ras għandhom ikunu volontarji;

(b) Partijiet mill-karkassa tfisser partijiet mill-karkassa kif imfissra taħt (a);

(ċ) ir-raċanċ ifisser laħam frisk apparti minn dak tal-karkassa kif imfissra taħt (a), anke jekk imqabbad b'mod naturali mal-karkassa;

(d) il-viskera tfisser ir-raċanċ li jibqa' mill-kavitajiet tas-sider, taż-żaqq u ta' bejn il-koxxox, inkluż il-kanal tan-nifs (trakea) u l-kanal ta' l-ikel )esofagu) u, fejn huwa approprjat, il-ħawsla;

(e) l-ispezzjoni tas-saħħa *ante mortem* tfisser l-ispezzjoni tat-tjur ħajjin skond ir-rekwiżiti tal-Kapitolu III ta' l-Anness I;

(f) ispezzjoni tas-saħħa *post mortem* tfisser ispezzjoni tat-tjur maqtula fil-biċċeriji minnufih wara l-qtil, skond ir-rekwiżiti tal-Kapitolu V ta' l-Anness I;

(g) veterinarju uffiċjali jfisser il-veterinarju nominat mill-awtorità ċentrali kompetenti ta' l-Istat Membru;

(h) assistent tfisser persuna mħarġa nominata uffiċjalment mill-awtorità ċentrali kompetenti ta' l-Istat Membru sabiex tassisti lill-veterinarju uffiċjali;

(i) il-pajjiż li jesporta jfisser l-Istat Membru li minnhu jintbagħat il-laħam tat-tjur frisk lejn Stat Membru ieħor;

(j) pajjiż tad-destinazzjoni jfisser l-Istat Membru li lejh jintbagħat il-laħam tat-tjur frisk minn Stat Membru ieħor.

TITOLU II

## Disposizzjonijiet dwar il-kummerċ intra-Komunitarju u kummerċ fl-Istati Membri

*Artikolu 3*

1. Kull Stat Membru għandu jassigura li l-kummerċ ikun permess biss fil-laħam tat-tjur frisk li, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 11, jilħaq ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) ikun ġie miksub minn biċċerija approvata u ssorveljata skond l-Artikolu 5 (1);

(b) ikun ġej minn annimal spezzjonat *ante mortem* minn veterinarju uffiċjali jew minn assistenti skond l-Artikolu 4 u, wara din l-ispezzjoni, ikkunsidrat approprjat għall-qtil għall-kummerċ ta' laħam tat-tjur frisk;

(ċ) ikun ġie ttrattat skond il-kondizzjonijiet sodisfaċenti ta' l-iġene in konformità mal-Kapitolu IV ta' l-Anness I;

(d) ikun ġie spezzjonat *post mortem* minn veterinarju uffiċjali jew minn assistenti skond l-Artikolu 4 u nstab approprjat għall-konsum mill-bniedem skond il-Kapitolu VI ta' l-Anness I;

(e) ikun iġorr marka ta' saħħa skond ir-rekwiżiti tal-Kapitolu VII ta' l-Anness I;

(f) b'konformità mal-Kapitolu IX ta' l-Anness I, ikun ġie maħżun wara spezzjoni *post mortem* skond kondizzjonijiet sodisfaċenti ta' iġene f'biċċeriji approvati u ssorveljati skond l-Artikolu 5 (1) jew fi mħażen kiesħa approvati u ssorveljati skond l-Artikolu 5 (4);

(g) ikun ġie ppakkjat b'mod approprjat u ttrasportat f'kondizzjonijiet sodisfaċenti ta' l-iġene in konformità mar-rekwiżiti tal-Kapitoli X uXI ta' l-Anness I.

2. Dawn li ġejjin għandhom ikunu esklużi mill-kummerċ:

(a) laħam tat-tjur frisk ittrattat bil-*hydrogen peroxide* (perossidu ta' l-ossiġenu) jew b'sostanzi oħrajn ta' *bleach* jew b'materji naturali jew artifiċjali li jagħtu l-kulur;

(b) laħam tat-tjur frisk ittrattat b'antibijotiċi, preservattivi jew '*tenderisers*';

(ċ) laħam tat-tjur frisk ittrattat b'sostanzi li jagħtu t-togħma.

3. B'dana kollu, jekk il-pajjiż tad-destinazzjoni hekk jippermetti, il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 m'għandhomx għalfejn ikunu sodisfatti fir-rigward ta' laħam intiż għal użu ieħor barra milli għall-konsum mill-bniedem; f'dak il-każ, il-pajjiż tad-destinazzjoni għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex ma jħallix li l-laħam jintuża għal skopijiet apparti minn dawk li għalihom kien intiż.

4. Il-kondizzjonijiet tal-paragrafu 1 m'għandhomx japplikaw għal-laħam frisk tat-tjur li, f'każi iżolati, jkun fornut mill-produttur tagħhom direttament lejn il-konsumatur finali għall-konsum tiegħu apparti milli permezz ta' bejjiegħ tat-triq, bejgħ permezz ta' ordni bil-posta jew bejgħ f'suq.

*Artikolu 4*

1. Fit-twettieq ta' l-ispezzjonijiet *ante mortem* u *post mortem* u s-sorveljanza tal-kondizzjonijiet ta' l-iġene stabbiliti fil-Kapitoli II u IV ta' l-Anness I, li għandhom ikunu mħarsa mill-biċċeriji, il-veterinarju uffiċjali jista' jkun megħjun minn assistenti li jaħdum taħt is-sorveljanza u r-responsabbiltà tiegħu.

2. Dawk il-persuni biss li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' l-Anness II jistgħu jaġixxu bħala assistenti. Il-Kunsill, li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jistabbilixxi disposizzjonijiet aktar dettaljati fir-rigward tal-livell ta' taħriġ meħtieġ mill-assistenti permezz ta' l-Anness II (1) (b) u (d) u (4).

3. L-assistenti għandhom jgħinu lill-veterinarju uffiċjali jwettaq biss l-operazzjonijiet li ġejjin:

— superviżjoni ta' l-applikazzjoni tar-regoli ta' l-iġene stabbiliti fil-Kapitoli II u IV ta' l-Anness I;

— jivverifika jekk fil-waqt ta' l-ispezzjoni tas-saħħa *ante mortem* li l-ebda mis-sintomi msemmija fil- Kapitolu III (12) ta' l-Anness I ma jkunu preżenti;

— jara li fil-ħin ta' l-ispezzjoni tas-saħħa *post mortem* il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu VI (28) ta' l-Anness I ma jkunux preżenti.

*Artikolu 5*

1. L-awtorità ċentrali kompetenti ta' l-Istat Membru li fuq it-territorju tiegħu tinsab il-biċċerija għandu jassigura li l-approvazzjoni li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 3 (1) (a) tingħata biss meta d-disposizzjonijiet tal-Kapitoli I u II ta' l-Anness I ikunu mħarsa u basta li l-biċċerija tkun tista' tissodisfa l-kondizzjonijiet l-oħrajn ta' dak l-Anness; għandha tassigura wkoll li l-konformità ma' dawk id-disposizzjonijiet tkun ivverifikata minn veterinarju uffiċjali u li dik l-approvazzjoni tkun irrevokata jekk wieħed jew aktar minnhom ma jkunx hemm aktar konformità magħhom.

2. Il-biċċeriji approvati kollha għandhom ikunu rreġistrati fuq lista u kull waħda għandha tingħata numru ta' approvazzjoni veterinarja. Kull Stat Membru għandu jikkomunika l-lista tal-biċċeriji approvati u n-numri ta' l-approvazzjoni veterinarja lejn l-Istati Membri l-oħrja u lill-Kummissjoni u jinnotifikahom bi kwalunkwe tneħħija ta' l-approvazzjoni.

3. Jekk Stat Membru jikkonsidra li l-kondizzjonijiet għall-approvazzjoni ma jkunux, jew m'għadhomx aktar, qed jiġu mħarsa mill-biċċerija fi Stat Membru ieħor, għandu jinforma lill-awtorità ċentrali kompetenti ta' dak l-Istat kif inhu approprjat. Dan ta' l-aħħar għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa u jinnotifika lill-awtorità ċentrali kompetenti ta' l-Istat Membru l-ieħor bid-deċiżjonijiet meħuda u r-raġunijiet għal dawk id-deċiżjonijiet.

Jekk dak l-Istat Membru jibża' li l-miżuri meħtieġa ma jkunux ittieħdu jew m'humiex adegwati, jista' jirreferi din il-materja lejn il-Kummissjoni, li għandha tfittex l-opinjoni ta' wieħed jew aktar esperti veterinarji. L-Istati Membri jistgħu, fid-dawl ta' dik l-opinjoni, ikunu awtorizzati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 12 li jipprojbixxu proviżjonalment l-introduzzjoni fit-territorju tagħhom ta' laħam tat-tjur frisk minn dik il-biċċerija.

Din l-awtorizzazzjoni tista' tkun irtirata, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 12, fid-dawl ta' opinjoni aktar 'il quddiem mogħtija minn wieħed jew aktar esperti veterinarji.

L-esperti veterinarji għandhom ikunu ċittadini ta' Stat Membru apparti minn ta' dawk involuti fil-kwistjoni.

Wara li jkunu kkonsultati l-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi regoli ġenerali għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu, b'mod partikolari fir-rigward tan-nomini ta' l-esperti veterinarji u l-proċedura li għandha tkun segwita sabiex jingħataw opinjonijiet.

4. Anke meta l-imħażen tas-silġ ikunu jinsabu 'l barra mill-biċċerija, dawn għandhom, fir-rigward tal-ħażna ta' laħam tat-tjur frisk, ikunu ssorveljati minn veterinarju uffiċjali.

L-awtorità ċentrali kompetenti ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkun jinstab il-maħżen tas-silġ għandu, fir-rigward tal-ħażna ta' laħam tat-tjur frisk, ikun responsabbli għall-approvazzjoni ta' dak il-maħżen u għat-tneħħija ta' dik l-approvazzjoni.

*Artikolu 6*

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 3 (2) u sakemm jidħlu fis-seħħ id-disposizzjonijiet tal-Komunità, din id-Direttiva m'għandhiex taffettwa d-disposizzjonijiet ta' l-Istati Membri dwar:

(a) il-kondizzjonijiet ta' l-approvazzjoni ta' mħażen tas-silġ li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 5 (4) u għal xi tneħħija ta' din l-approvazzjoni;

(b) it-trattament tat-tjur b'sostanzi li aktarx jagħmlu l-konsum tal-laħam tat-tjur frisk perikoluż jew ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem, u l-assorbenza mit-tjur ta' dawk is-sustanzi bħal ma huma antibijotiċi, oestroġeni, tirostati, tenderizzaturi, pestiċidi, erbiċidi jew sostanzi li jkun fihom l-arseniku jew l-antimonju;

(ċ) iż-żieda ta' sostanzi barranin mal-laħam tat-tjur frisk u t-trattament permezz ta' jonizzanti u radjazzjoni *ultraviolet*.

*Artikolu 7*

Din id-Direttiva m'għandhiex taffettwa l-appelli permezz tal-leġislazzjoni kurrenti fl-Istati Membri u li hemm provvediment dwarhom f'din id-Direttiva għall-iskopijiet li jkunu kkontestati deċiżjonijiet ta' l-awtoritajiet kompetenti.

TITOLU III

**Disposizzjonijiet li jittrattaw biss dwar kummerċ intra-Komunitarju**

*Artikolu 8*

Kull Stat Membru għandu jassigura li l-laħam tat-tjur frisk mibgħut minn Stat Membru ieħor jkun akkumpanjat matul it-trasport lejn il-pajjiż tad-destinazzjoni b'ċertifikat tas-saħħa skond il-ħtiġiet tal-Kapitolu VIII ta' l-Anness I.

*Artikolu 9*

1. Mingħajr preġudizzju għall-poteri li jirriżultaw mit-tieni sentenza tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 5 (3), Stat Membru jista' jipprojbixxi l-kummerċ fit-territorju tiegħu ta' laħam tat-tjur frisk li jkun ġej minn Stat Membru ieħor jekk fil-ħin ta' l-ispezzjoni tas-saħħa li ssir fil-pajjiż ta' destinazzjoni, jinsab li:

(a) il-laħam ma jkunx approprjat għall-konsum mill-bniedem, jew li

(b) id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 3, 8 jew 14 ma jkunx hemm konformità magħhom.

2. Deċiżjonijiet meħuda permezz tal-paragrafu 1 għandhom, fuq talba tal-kunsinnatarju jew tar-rappreżentant tiegħu, jawtorizzaw li l-laħam tat-tjur frisk jintbagħat lura basta li dan ma jkunx kontra il-konsiderazzjonijiet tas-saħħa. Fi kwalunkwe avvenimenti miżuri ta' sigurtà għandhom jittieħdu sabiex ikun evitat l-użu żbaljat ta' dan il-laħam.

3. Dawn id-deċiżjonijiet għandhom ikunu kkomunikati lill-kunsinnatarju jew lir-rappreżentant tiegħu flimkien mar-raġunijiet għal dawn id-deċiżjonijiet. Dawn id-deċiżjonijiet irraġunati għandhom, fuq talba, ikunu kkomunikati bil-miktub lilu minnufih b'indikazzjoni ta' liema appelli hemm miftuħa kontrihom permezz tal-leġislazzjoni kurrenti u l-forom u l-limitu ta' żmien li fih jistgħu jinbdew.

4. Billi dawn id-deċiżjonijiet huma bbażati fuq dijanjosi ta' mard li jittieħed jew li jinfetta, deterjorazzjoni perikoluża għassaħħa tal-bniedem jew ksur serju ta' disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva, id-deċiżjonijiet u r-raġunijiet għal dan għandhom għalhekk wkoll ikunu kkomunikati minnufih lill-awtorità ċentrali kompetenti tal-pajjiż ta' l-esportazzjoni.

*Artikolu 10*

Kull Stat Membru għandu jippermetti lill-kunsinnatarji li l-laħam tat-tjur frisk tagħhom ma jkunx jista', bis-saħħa ta' l-Artikolu 9 (1), li jkun ikkummerċjalizzat fit-territorju tiegħu, id-dritt li jiksbu l-opinjoni ta' espert veterinarju. Kull Stat Membu għandu jassigura li, qabel ma' jittieħdu miżuri oħrajn mill-awtoritajiet kompetenti bħal ma hi l-qerda tal-laħam, l-esperti veterinarji jrid ikollhom l-opportunità li jistabbilixxu jekk il-kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 9 (1) ikunu ġew imwettqa.

L-espert veterinarju għandu jkun ċittadin ta' Stat Membru barra minn dak tal-pajjiż ta' l-esportazzjoni jew tal-pajjiż tad-destinazzjoni.

Il-Kummissjoni, li taġixxi fuq il-proposta mill-Istati Membri, għandha toħloq bord ta' esperti veterinarji li jistgħu jingħataw l-istruzzjonijiet sabiex jiffformulaw opinjonijiet bħal dawn. Wara li tikkonsulta ma' l-Istati Membri, għandha tistabbilixxi regoli ġenerali, li jridu jkunu applikati, b'mod partikolari fir-rigward tal-proċedura għall-formulazzjoni ta' dawk l-opinjonijiet.

*Artikolu 11*

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 2 u 4, id-disposizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali ta' l-Istati Membri dwar il-kummerċ tat-tjur ħajjin u tal-laħam tat-tjur għandha tkompli tapplika sa d-dħul fis-seħħ ta' xi disposizzjonijiet tal-Komunità.

2. Stat Membru jista', jekk ikun hemm il-perikolu li jista' jinfirex il-mard ta' l-annimali bl-introduzzjoni tal-laħam tat-tjur frisk fit-territorju tiegħu minn Stat Membru ieħor, jieħu l-miżuri li ġejjin:

(a) fil-każ li tfaqqa' marda epiżootika fl-Istat Membr l-ieħor, projbizzjoni jew restrizzjoni temporanja għad-dħul ta' laħam tat-tjur frisk miż-żoni affettwati ta' dak l-Istat Membru;

(b) jekk marda epiżootika tinfirex jew jekk tfaqqa' marda oħra kontaġġjuża jew infettuża ta' l-annimali, temporanjament jipprojbixxi jew jirrestriġi d-dħul tal-laħam tat-tjuri frisk mit-territorju kollu ta' dak l-Istat.

3. Kull Stat Membru għandu minnufih jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bit-tfaqqigħ fit-territorju tiegħu ta' xi marda bħal din bħal ma hemm referenza dwarha fil-paragrafu 2 u bil-miżuri meħuda sabiex tkun ikkontrollata. Għandu jinformahom wkoll minnufih bl-eliminazzjoni tal-marda.

4. Miżuri meħuda minn Stati Membri permezz tal-paragrafu 2, u t-tneħħija ta' miżuri bħal dawn, għandha tkun ikkomunikata minnufih lill-Istati Membri l-oħra u lejn il-Kummissjoni flimkien ma' raġunijiet għal dan.

Permezz tal-proċedura stabbbilita fl-Artikolu 12, deċiżjoni tista' tittieħed sabiex tħassar jew temenda dawk il-miżuri, b'mod partikolari sabiex ikunu kkoordinati ma' miżuri adottati mill-Istati Membri l-oħrajn.

5. Jekk is-sitwazzjoni prevista fil-paragrafu 2 isseħħ u jekk jidher meħtieġ li l-Istati Membri l-oħrajn japplikaw il-miżuri meħuda permezz ta' l-istess paragrafu, emendat, meta meħtieġ, skond il-paragrafu 4, miżuri approprjati għandhom ikunu adottati permezz tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 12.

*Artikolu 12*

1. Meta l-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu għandha tintuża, kwistjonijiet għandhom ikunu rreferuti mill-President mingħajr telf ta' żmien, jew fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba ta' Stat Membru, lejn il-Kumitat Permanenti tal-Veterinarji (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Kumitat') stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Ottubru 1968.

2. Fil-Kumitat, il-voti ta' l-Istati Membri għandhom jiġu peżati kif previst fl-Artikolu 148 (2) tat-Trattat. Il-President m'għandux jivvota.

3. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jissottometti abbozz tal-miżuri li għandhom ikunu adottati. Il-Kumitat għandu jwassal l-opinjoni tiegħu fuq dawk il-miżuri fi żmien jumejn. L-opinjonijiet għandhom jingħataw b'maġġoranza ta' tnax-il vot.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri u għandha tapplikahom minnufih meta jkunu skond l-opinjoni tal-Kumitat. Meta ma jkunux fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat jew jekk l-ebda opinjoni ma tingħata, il-Kummissjoni għandha mingħajr dewmien tipproponi lill-Kunsill il-miżuri li għandhom jkunu adottati. Il-Kunsill għandu jadotta l-miżuri b'maġġoranza kkwalifikata.

Jekk, fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-data li fiha l-proposta tkun ġiet ippreżentata lilu, il-Kunsill ma jkunx adotta xi miżuri, il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri proposti u tapplikahom minnufih, għajr meta l-Kunsill ikun iddeċieda b'maġġoranza sempliċi kontra dawk il-miżuri.

*Artikolu 13*

Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 12 għandhom jgħoddu għal tmintax-il xahar mid-data li fiha l-kwistjoni tkun ġiet l-ewwel darba rriferuta lill-Kumitat, jew permezz ta' l-Artikolu 12 (1) jew permezz ta' kwalunkwe regoli korrispondenti.

*Artikolu 14*

1. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-ipproċessar *Spinchiller* ta' tkessiħ tat-tjur li jintuża bħalissa. Din il-projbizzjoni għandha jkollha effett biss mill-1 ta' Jannar 1976.

2. Wara li tikkonsulta ma' l-Istati Membri fi ħdan il-Kumitat Veterinarju Permanenti, il-Kummissjoni għandha tissottometti lejn il-Kunsill qabel l-1 ta' Jannar 1972 rapport dwar jekk hemmx wieħed jew aktar proċessi alternattivi ta' tkessiħ.

3. Id-data stabbilita fil-paragrafu 1 għandha tkun mibdula għall-1 ta' Jannar 1977 sakemm il-Kunsill, li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni, ma jsibx qabel l-1 ta' Jannar 1972 li wieħed jew aktar proċessi esplojtabbli industrijali ġodda, ikunu ġew skoperti.

TITOLU IV

**Disposizzjoni Finali**

*Artikolu 15*

Sad-dħul fis-seħħ tad-disposizzjonijiet tal-Komunità li jikkonċernaw l-importazzjoni ta' laħam tat-tjur frisk minn pajjżi terzi, Stati Membri għandhom japplikaw lil importazzjoni bħal din disposizzjonijiet li huma mill-anqas ekwivalenti għal dawk ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 16*

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 14, l-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva u l-Annessi tagħha:

(a) fir-rigward ta' kummerċ intra-Komunitarju: fi żmien sentejn wara n-notifika ta' din id-Direttiva;

(b) fir-rigward ta' laħam tat-tjur frisk prodott u kkumerċjalizzat fit-territorju tagħhom: fi żmien massimu ta' ħames snin wara n-notifika ta' din id-Direttiva.

Għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.

*Artikolu 17*

Din id-Direttiva hija indirizzata lil l-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, il-15 ta' Frar 1971.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. COINTAT

*ANNESS I*

Il-KAPITOLU I

**ĦTIĠIET TA' L-IĠJENE GĦALL-BIĊĊERIJI**

1. Biċċeriji għandhom ikollhom:

(a) kamra jew spazju mogħtti li jkun kbir biżżejjed u faċli biex jitnaddaf u jkun iddiżinfettat, għall-ispezzjoni *ante mortem* tat-tjur;

(b) kamra speċjali li tkun faċli biex titnaddaf u li tiġi ddiżinfettata, li tintuża biss għat-tjur li jbagħtu minn jew li hemm suspett li jkunu jbagħtu minn marda;

(ċ) kamra tal-qtil kbira biżżejjed sabiex isir l-isturdament u jitneħħa d-demm min-naħa l-waħda, u għat-tnittif u biex jinstamtu min-naħa l-oħra, li jitwettqu f'postijiet separati. Kwalunkwe komunikazzjoni bejn il-kamra tal-qtil u l-kamra jew il-post li għalih hemm referenza f'(a) apparti mil-ftuħ dejjaq li minn jista' jgħaddu biss t-tjur għall-qatla, għandu jkollu bieb li jingħalaq awtomatikament;

(d) kamra għall-evixxerazzjoni u l-preparazzjoni li tkun kbira biżżejjed sabiex l-evixxerazzjoni titwettaq f'post 'il bogħod biżżejjed mill-postijiet tax-xogħol l-oħrajn, jew separat minnhom permezz ta' diviżorji, hekk li tkun evitata l-kontaminazzjoni. Xi komunikazzjoni bejn l-kamra fejn issir l-evixxerazzjoni u l-preparazzjoni u l-kamra tal-qtil apparti minn ftuħ dejjaq li minnu jgħaddi biss it-tajr li jinqatel, għandu jkollu bieb li jingħalaq awtomatikament;

(e) jekk ikun hemm bżonn, kamra tad-dispaċċ;

(f) waħda jew aktar kmamar kbar biżżejjed sabiex ikessħu jew jiffriżaw;

(g) kamra jew spazju sabiex jinġabar ir-rix sakemm dawn ma jitqisux bħala skart;

(h) postijiet speċjali li jinqaflu rriżervati għall-ħażna separata tal-laħam tat-tjur li jkun inżamm għal tul ta' żmien u ta' laħam marid li jkun ġie ddikjarat li mhux tajjeb għall-konsum mill-bniedem u skart, meta dak il-laħam u l-iskart ma jitneħħiex kuljum mill-biċċerija;

(i) kamra speċjali biss għat-trattament tekniku jew għall-qerda ta' laħam tat-tjur iddikjarat mhux tajjeb għall-konsum mill-bniedem permezz tal-paragrafu 28, laħam li permezz tal-paragrafu 29 ikun eskluż mill-użu għall-konsum mill-bniedem, u l-iskart u l-partijiet sekondarji wara l-qtil, intiżi għal skopijiet industrijali, jekk dan it-trattament tekniku jew din il-qerda ssir fuq il-post;

(j) kmamar tat-tibdil, is-sinkijiet, doċċi u lavatorju bil-flaxing; dan ta' l-aħħar m'għandux ikun jinfetaħ direttament fuq il-kmamar tax-xogħol; is-sinkijiet għandhom ikollhom ilma ġiri sħun u kiesaħ, materjali għat-tindif u d-diżinfettazzjoni ta' l-idejn, u xugamani ta' l-idejn li jintremew; is-sinkijiet għandhom ikunu ħdejn il-lavatorji;

(k) post speċjali mħejji għad-demel sakemm id-demel ma jitneħħix mill-ewwel b'mod iġeniku;

(l) post u apparat approprjat għat-tindif u d-diżinfettazzjoni tal-gaġġeġ u l-vetturi;

(m) kamra li tissakkar armata kif suppost għall-użu biss tas-servizz tal-veterinarju;

(n) fil-kmamar tax-xogħol, apparat adekwat għat-tindif u d-diżinfezzjoni ta' l-idejn u l-għodda; dan l-appart għandu jkun kemm jista' jkun ħdejn il-postijiet tax-xogħol; il-vitijiet m'għandhomx ikunu jitħaddmu bl-idejn; dawn il-faċilitajiet għandhom ikollhom ilma ġiri sħun u kiesaħ, prodotti tat-tindif u d-diżinfettazzjoni u xugamani ta' l-idejn li jintremew; għat-tindif ta' strumenti t-temperatur ta' l-ilma m'għandhiex tkun ta' anqas minn + 82 °Ċ;

(o) faċilitajiet li jippermettu l-ispezzjonijiet mill-veterinarji previsti f'din id-Direttiva sabiex jitwettqu b'mod effiċjenti fi kwalunkwe ħin;

(p) ħajt mad-dawra jew mezz ieħor ta' għeluq adwekwat;

(q) mingħajr preġudizzju għal (a), (b), (ċ) u (d), separazzjoni adekwata tal-partijiet nodfa mill-partijiet ikkontaminati tal-bini;

(r) fil-kmamar imsemmija f' (a) sa (j):

— art li tirreżisti l-ilma li hija faċli li titnaddaf u tkun iddiżinfettata, kontra l-moffa, u mibnija b'mod li l-ilma jkun jista' jiskula faċilment;

— ħitan lixxi b'passata jew żebgħa kulur ċar li tinħasel sa għoli ta' mill-anqas 2 metri, b'angoli u rkejjen mibruma;

(s) ventilazzjoni approprjata u, jekk ikun hemm bżonn, estrazzjoni tal-fwar;

(t) dawl approprjat naturali jew artifiċjali li ma jibdilx il-kuluri fil-kmamar intiżi għat-tjur ħajjin jew maqtula;

(u) provvista approprjata, taħt pressjoni, ta' ilma tax-xorb biss; iżda, ilma li mhux tajjeb għax-xorb jista' jintuża f'każijiet eċċezzjonali għall-produzzjoni tal-fwar, basta li l-pajpijiet installati għal dan l-iskop ma jħallux dan l-ilma jintuża għal skopijiet oħrajn; ukoll, l-użu ta' l-ilma mhux għax-xorb jista' jitħalla f'każijiet eċċezzjonali għall-apparat tat-tkessiħ. Kanen għall-ilma li mhux tajjeb għax-xorb għandhom jinżebgħu aħmar u m'għandhomx jgħaddu minn kmamar fejn hemm il-laħam;

(v) provvista approprjata ta' ilma tax-xorb sħun taħt pressjoni;

(w) sistema ta' tneħħija ta' l-ilma għall-iskart li jilħaq il-ħtiġiet ta' l-iġjene;

(x) apparat approprjat għall-protezzjoni kontra pesti bħal ma huma l-insetti, l-annimali li jgermu, etċ.;

(y) strumenti u apparat tax-xogħol u wkoll apparat li jiġi f'kuntatt ma' tjur matul il-ħażna, li ma jissaddux, u li huma faċli li jitnaddfu u jkunu ddiżinfettati;

(z) kontenituri speċjali ta' l-arja li ma jsaddux u li ma jħallux li jidħol l-ilma u li ma jistgħux ikunu sfurzati sabiex jinfetħu, għall-ġabra tal-laħam li jkun ġie ddikjarat mhux tajjeb għall-konsum mill-bniedem fi ħdan it-tifsira tal-paragrafu 28 tal-Kapitolu VI.

IL-KAPITOLU II

**ĦTIĠIET TA' IĠJENE GĦALL-PERSONAL TAL-BIĊĊERIJI, BINI, APPARAT U STRUMENTI**

2. Indafa assoluta għandha tkun meħtieġa mill-personal, mill-bini, mill-apparat u mill-istrumenti.

(a) Il-personal għandu b'mod partikolari jilbes ħwejjeġ tax-xogħol u kpiepel ta' kulur ċar nodfa u li jinħasslu faċilment. Il-personal li joqtlu l-annimali u li jaħdmu fuq u jqandlu l-laħam għandhom jaħslu u jiddiżinfettaw idejhom bosta drabi matul kull ġurnata tax-xogħol u kull darba li jerġgħu jibdew ix-xogħol. Persuni li ġew f'kuntatt ma' annimali morda jew laħam infettat għandhom minnufih wara dan jaħslu jdejhom bir-reqqa u dirgħajhom b'ilma sħun u mbagħad jiddiżinfettawhom. It-tipjip huwa pprojbit fil-kmamar tax-xogħol u fl-imħażen;

(b) Ebda klieb, qtates jew annimali oħra apparti mit-tjur intiżi għall-qatla kif definiti fl-Artikolu 1 (1) ma għandhom jidħlu fil-biċċeriji, għajr għall-annimali għat-tagħbija użat fil-biċċerija. Din il-projbizzjoni m'għandhiex tapplika għal fniek jew għasafar li m'humiex imsemmija fl-Artikolu 1 (1), li huma intenzjonati għall-qtil immedjat basta li ma jinżammux, ma jinqatlux, ma jkunux ippreparati jew maħżuna fl-istess ħin u fl-istess kmamar tat-tjur.

Annimali li jgerrmu (rodents), insetti u pesti oħrajn għandhom jinqerdu b'mod sistematiku;

(ċ) Il-kmamar imsemmija fil-kapitolu 1 (1) (a), (b), (ċ), (d) u (e) għandhom jitnaddfu u jkunu ddiżinfettati kif approprjat u fi kwalunkwe każ fl-aħħar tal-ġurnata tax-xogħol.

(d) Il-gaġġeġ li jintużaw sabiex jitwasslu t-tjur għandhom ikun magħmulin minn materjal li ma jissaddadx, li huma faċli biex jitnaddfu u li jkunu ddisinfettati u li għandhom l-qiegħ li jirreżisti l-ilma. Għandhom jitnaddfu u jkunu ddiżinfettati kull darba li jkunu żvojtati;

(e) L-apparat u l-istrumenti li jintużaw għall-qtil, il-ħidma fuq u l-ħażna tal-laħam għandhom jinżammu nodfa u fi stat tajjeb ta' użu. Għandhom jitnaddfu bir-reqqa u jkunu ddiżinfettati bosta drabi matul kull ġurnata tax-xogħol, fl-aħħar tal-ġurnata tax-xogħol u qabel ma jerġgħu jintużaw jekk ikunu ġew ikkontaminati, b'mod partikolari b'mikrobi tal-mard;

(f) Kontenituri ta' laħam marid li mhux tajjeb għall-konsum mill-bniedem u għall-fdalijiet għandhom ikunu żvojtati wara l-użu u mnaddfa u ddiżinfettati kull darba li jkunu żvojtati.

3. Bini, strumenti, apparat tax-xogħol u impjant użat għall-ħidma tal-qtil u għall-ħażna tal-laħam għandu jintuża biss għal dawk l-iskopijiet.

4. Laħam tat-tjur u kontenituri għal dan m'għandhomx ikunu f'kuntatt dirett ma' l-art.

5. Ir-rix għandu jittieħed lil hemm minnufih wara t-tnittif.

6. L-użu ta' deterġenti, diżinfettanti u pestiċidi m'għandhomx jaffettwaw il-bontà tal-laħam għall-konsum.

7. Persuni li jistgħu jniġġsu l-laħam għandhom ikunu pprojbiti milli joqtlu jew iqandluh, b'mod partikolari jekk
   (a) isofru minn jew hemm suspett li jsofru minn deni tat-tifu, paratifu A and B, enterite infettuża (salmonellosis), diżinterija, ħepatite infettuża, l-iskarlatina jew iġorru minn dan il-mard;
   (b) isofru jew hemm suspett li jsofru minn tuberkolożi li tittieħed jew infettuża;
   (ċ) isofru jew hemm suspett li jsofru minn mard tal-ġilda li jittieħed jew jinfettuż;
   (d) jeżerċitaw fl-istess waqt attività li tista' tikkawża mikrobi li jkunu trasmesssi lejn il-laħam;
   (e) libsin faxxa fuq idejhom, apparti minn garża li ma żżomx ilma u tkun tipproteġi ferita tas-sebgħa li ma tkunx infettata.
8. Għandu jkun meħtieġ ċertifikat mediku minn kull persuna li taħdem fuq il-laħam tat-tjur. Dan għandu jiddikjara li ma hemm l-ebda impediment għal dan l-impieg; iċ-ċertifikat għandu jiġġedded kull sena u kull meta jintalab mill-veterinarju uffiċjali; għandu jkun dejjem disponibbli għal dan ta' l-aħħar.

IL-KAPITOLU III

**SPEZZJONI TAS-SAĦĦA *ANTE MORTEM***

9. Tjur għall-qtil għandhom jgħaddu minn spezzjoni *ante mortem* fl-24 siegħa minn x'ħin jaslu fil-biċċerija. L-ispezzjoni għandha tkun irrepetuta eżatt qabel il-qtil jekk aktar minn 24 siegħa jkunu għaddew mill-ispezzjoni *ante mortem*.

10. L-ispezzjoni *ante mortem* tista' tkun ristretta sabiex ikunu identifikati ġrieħi matul it-trasport jekk it-tjur ikun ġie spezzjonat fir-razzett ta'l-oriġini fl-aħħar 24 siegħa u nstab b'saħħtu. B'dankollu, l-identità tat-tjur għandha tkun ippruvata malli jaslu fil-biċċerija.

    Jekk l-ispezzjoni *ante mortem* fir-razzett tal-oriġini u fil-biċċerija ma jsirux mill-istess uffiċjal veterinarju, ċertifikati tas-saħħa li jiddikjaraw il-partikolaritajiet meħtieġa permezz ta' l-Anness III għandhom ikunu ma' l-annimali.

11. L-ispezzjoni *ante mortem* għandha ssir taħt dawl addattat.

12. L-ispezzjoni għandha tiddetermina:
    (a) jekk it-tjur humiex qed isofru minn marda li tista' tittieħed mill-bnedmin jew mill-annimali, sew jekk turi sintomi u anki jekk il-kondizzjoni ġenerali tagħhom tkun tali li tindika li l-marda tista' sseħħ;
    (b) sew jekk juru sintomi tal-marda jew ta' xi ħsara li taffettwa l-kondizzjoni ġenerali li tagħmel il-laħam mhux tajjeb għall-konsum mill-bniedem.

13. Tjur li jsofru minn pesta tat-tjur, marda ta' Newċastle, marda tar-rabbja, salmonella (salmonellosis), kolera jew 'ornithosis' għandhom ikunu ddikjarati li ma humiex tajbin għall-konsum mill-bniedem.

14. Annimali ma jistgħux jinqatlu għall-konsum mill-bniedem bħala laħam frisk meta jkun stabbilit li:
    — mill-preżenza ta' tjur morda fil-biċċerija,
    — mill-informazzjoni tas-saħħa dwar l-oriġini tagħhom,

    ikunu ġew f'kuntatt ma' għasafar li jsofru minn pesta tat-tjur, marda ta' Newċastle, marda tar-rabbja, salmonella (salmonellosis), kolera jew 'ornithosis f'ċirkostanzi li l-marda setgħet għaddiet lilhom.

15. It-tjur li għalihom hemm referenza fil-paragrafi 12, 13 jew 14 għandhom jinqatlu separatament u wara li jkunu nqattlu t-tjur l-oħra kollha.

IL-KAPITOLU IV

**ĦTIĠIET TA' L-IĠJENE GĦALL-QTIL**

16. Tjur miġjuba fil-bini tal-biċċerija għandhom jinqatlu minnufih wara li jiġu sturduti.

17. It-tneħħija tad-demm għandha tintemm u ssir b'tali mod li d-demm ma jistax jikkawża kontaminazzjoni barra mill-post tal-qtil.

18. Tjur maqtula għandhom ikunu mnittfa minnufih u kompletament.

19. It-tneħħija ta' l-interjuri għandha ssir minnufih. Il-karkassa għandha tinfetaħ b'tali mod li l-kavitajiet u l-interjuri kollha jistgħu jkunu spezzjonati. Għal dan l-iskop, il-fwied, il-milsa u l-kanal tad-diġestjoni għandhom jitneħħew mill-karkassa b'tali mod li ma tkunx ikkontaminat u l-konnessjonijiet naturali ta' dawk l-interjuri jibqgħu sa l-ispezzjoni.

20. Wara l-ispezzjoni l-interjuri li jkunu ġew imneħħija għandhom ikunu separati minnufih mill-karkassa, u l-partijiet li m'humiex tajbin għall-konsum mill-bniedem jitneħħew mill-ewwel.

    L-interjuri jew partijiet mill-interjuri li jibqgħu fil-karkassa għandhom, bl-eċċezzjoni tal-kliewi, jitneħħew kompletament, jekk huwa possibbli taħt kondizzjonijiet sodisfaċenti ta' iġjene.

21. Huwa pprojbit li l-laħam tat-tjur jimtela bl-arja, li jkun imnaddaf b'xi ċarruta jew li timtela l-karkassa b'xi affarijiet oħrajn apparti mill-interjuri li jittiekel minn tjur maqtula fil-biċċerija.

    Partijiet mit-tjur u fdalijiet ta' laħam għandhom ikunu ppakkjati bil-manjera li hemm provvediment dwarha fil-paragrafu 35

22. Huwa projbit li titqatta' l-karkassa jew li jitneħħa jew li jkun ittrattat il-laħam tat-tjur qabel ma tintemm l-ispezzjoni. L-uffiċjal veterinajru jista' jippreskrivi kwalunkwe tqandil ieħor mitlub mill-ispezzjoni.

23. Laħam li jinżamm u li jkun iddikjarat mhux tajjeb għall-konsum mill-bniedem skond il-paragrafu 28 jew li ma jitħalliex għall-konsum mill-bniedem skond il-paragrafu 29, rix u skart għandhom jitneħħew mill-aktar fis possibbli lejn il-kmamar jew lejn il-kontenituri li hemm provvediment dwarhom fil-paragrafu 1 (g), (h) u (i) u għandhom ikunu mqandla b'tali mod li l-kontaminazzjoni tinżamm fuq livell minimu.

24. Wara spezzjoni u tneħħija ta' l-interjuri, laħam tat-tjur frisk għandu jitnaddaf minnufih u jitkessaħ skond il-ħtiġiet ta' l-iġjene.

IL-KAPITOLU V

**SPEZZJONI TAS-SAĦĦA *POST MORTEM***

25. Il-partijiet kollha ta' l-annimal għandhom ikunu spezzjonati minnufih wara l-qtil.

26. L-ispezzjoni *post mortem* għandha ssir taħt dawl approprjat.

27. L-ispezzjoni *post mortem* għandha tinkludi:

    (a) spezzjoni viżwali ta' l-annimal maqtul,

    (b) meta meħtieġ, ħass bl-idejn u inċiżjoni ta' l-annimal maqtul,

    (ċ) investigazzjoni ta' l-anomaliji fil-konsistenza, kulur, riħa u, fejn huwa approprjat, tat-togħma,

    (d) meta meħtieġ, testijiet tal-laboratorju.

IL-KAPITOLU VI

**DEĊIJONI TAL-VETERINARJU UFFIĊJALI FL-ISPEZZJONI *POST MORTEM***

28. 1. It-tjur għandhom ikunu ddikjarati totalment mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem meta l-ispezzjoni turi dan li ġej:
   — mewt li tirriżulta minn kawża oħra li mhux qtil,
   — kontaminazzjoni ġenerali,
   — brix maġġuri u "eċċhymosis",
   — riħa, kulur u togħma mhux normali,
   — ħassir/tranġit,
   — konsistenza mhux normali,
   — "ċaċhexia",
   — "oedema",
   — "asċites",
   — suffejra,
   — mard infettuż,
   — "aspergillosis",
   — "toxoplasmosis",
   — parassittaġni estensiva tas-subċutaneju jew tal-muskoli,
   — tumuri malinni jew multipliċi,
   — "leuċosis",
   — ivvalenament.

   2. Partijiet ta' annimal maqtula li juru brix trawmatiċi lokalizzati li ma jaffettwaw is-saħħa tal-bqija tal-laħam għandhom ikunu dikjarati mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem.

29. L-interjuri li ġejjin huma esklużi mill-użu għall-konsum mill-bniedem: it-*trakea*, il-pulmuni, separati mill-karkassa skond il-paragrafu 20, il-kanal tan-nifs, il-ħawsla, l-imsaren u l-marrara.

IL-KAPITOLU VII

**IMMARKAR TAS-SAĦĦA**

30. L-immarkar tas-saħħa għandu jsir taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju uffiċjali, li għandu jżomm u jmantni għal dak l-iskop:

(a) l-istrumenti sabiex isir l-immarkar tas-saħħa fuq il-laħam, għandhom jingħataw lill-personal assistenti biss fil-ħin li fih ikun sejjer isir l-immarrkar u għal tul ta' żmien meħtieġ għal dan l-iskop;

(b) it-tikketti u l-inkartar meta dawn diġà jkun fihom it-timbru jew il-marka prevista fil-paragrafu 31 u s-siġill li għalihom hemm referenza fil-paragrafu 31. Dawn it-tikketti, l-inkartar u s-siġilli għandhom jingħataw fin-numru meħtieġ lill-personal assistenti fil-ħin ta' meta għandhom jintużaw.

31. L-immarkar tas-saħħa għandu jikkonsisti f'dan li ġej:

(a) għal karkassi li ma jkunux ippakkjati, jitwaħħal siġill ma' kull waħda.

Is-siġill għandu jkun tali li ma jistax jerġa' jintuża; għandu jkun ta' materjal reżistenti li jilħaq il-ħtiġiet ta' l-iġjene u kbir biżżejjed għall-informazzjoni obligatorja segwenti sabiex tidher fuqu b'ittri li jinqraw perfettament:

— fuq il-parti ta' fuq, l-ewwel żewġ ittri kbar tal-pajjiż li qiegħed jesporta,

— fiċ-ċentru, in-numru ta' l-approvazzjoni tal-veterinarju tal-biċċerija,

— fuq il-parti ta' isfel, wieħed mis-settijiet ta' inizjali li ġejjin: KEE, EEG, or EWG.

L-ittri u l-figura għandhom ikunu għoljin 0 72 ċm;

(b) għall-karkassi li huma ppakkjati u partijiet tal-karkasssi, marka stampata fuq l-inkartar, li għandu jkun magħluq b'tali mod li ma jistax jerġa' jintuża wara li jinfetaħ.

L-inkartar għandu jkun ta' materjal b'saħħtu biżżejjed li jilħaq il-ħtiġiet kollha ta' l-iġjene; il-marka għandha tagħti l-istess informazzjoni bħal dik mitluba għas-siġill u għandha tkun stampata b'karattri ta' l-istess daqs;

(ċ) għall-fdalijiet ta' laħam li m'humiex fil-karkassa, marka stampata li fuqha għandu jingħalaq b'timbru, kif deskritt taħt (b) jew timbru imbuzzat fuq it-tikketta li jkun kjarament viżibbli u mwaħħal b'mod sod fuq l-ippakkjar. It-tikketta għandha titwaħħal b'tali mod li tinqered meta jinfetaħ l-ippakkjar.

It-timbru għandu jkun timbru tal-linka ovali wiesgħa 6 75 ċm u għoli 4 75 ċm. L-informazzjoni li ġejja għandha tidher fuqa b'karattri li jinqraw perfettament:

— fuq il-parti ta' fuq, l-isem b'ittri kbar tal-pajjiż li qiegħed jesporta,

— fiċ-ċentru, in-numru ta' l-approvazzjoni tal-veterinarju tal-biċċerija,

— fuq il-parti ta' isfel, wieħed mis-settijiet ta' inizjali li ġejjin: KEE, EEG or EWG.

L-ittri għandhom ikunu għoljin 0 78 ċm u l-figuri għandhom ikunu għoljin 1 71 ċm.

IL-KAPITOLU VIII

**IĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA**

32. Iċ-ċertifikat oriġinali tas-saħħa li għandu jakkompanja l-laħam tat-tjur frisk matul it-trasportazzjoni lejn il-pajjiż tad-destinazzjoni għandu jinħareġ minn uffiċjal veterinarju fil-ħin ta' tagħbija. Iċ-ċertifikat tas-saħħa għandu jikkorrispondi fl-għamla u fil-kontenut mal-mudel fl-Anness IV. Għandu jkun espress fil-lingwa tal-pajjiż tad-destinazzjoni u mill-anqas ikun fih l-informazzjoni speċifikata fil-mudel fl-Anness IV.

IL-KAPITOLU IX

**IL-ĦANA**

33. Wara it-tkessiħ previst fil-paragrafu 24, il-laħam tat-tjur frisk għandu jinżamm f'temperatura li ma tistax fi kwalunkwe ħin teċċedi + 4 °Ċ.

IL-KAPITOLU X

**L-IMBALLAĠĠ**

34. (a) Imballaġġ (per eżempju, kaxxi ta' l-imballaġġ, kaxxi tal-kartun) għandhom jilħqu l-ħtiġiet kollha ta' l-iġjene, b'mod partikolari:

— ma tistax taffettwa l-karattru organoleptiku tal-laħam,

— ma tistax tittrasmetti lejn is-sostanzi li huma ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem,

— trid tkun b'saħħitha biżżejjed sabiex tipproteġi l-laħam b'mod approprjat matul it-trasport u t-tqandil.

b) L-imballaġġ jista' jerġa jintuża biss għal-laħam meta jkun magħmul minn materjal li ma jissaddadx li huwa faċli biex jitnaddaf u li l-ewwel ikun ġie mnaddaf u ddiżinfettat.

35. Meta l-laħam tat-tjur frisk jitgeżwer fil-materjal ta' l-imballaġġ (per eżempju folja tal-plastik) li hija f'kuntatt dirett miegħu, dan għandu jsir skond il-ħtiġiet ta' l-iġjene.

Dan l-imballaġġ għandu jkun trasparenti u mingħajr kulur u jilħaq ir-rekwiżiti tal-paragrafu 34 (a); ma jistgħux jerġgħu jintużaw sabiex ikun ippakkjat il-laħam.

Partijiet tat-tjur jew fdalijiet separati mill-karkassa għandhom dejjem ikunu mgeżwra u ssiġillati b'mod sod f'materjal protettiv li jissodisfa l-kriterji ta' hawn fuq.

IL-KAPITOLU XI

**IT-TRASPORT**

36. Il-laħam tat-tjur frisk għandu jkun ittrasportat f'vetturi jew f'kontenituri ddisinjati u mgħammra b'tali mod li t-temperatura speċifikata fil-Kapitolu IX tkun mantnuta matul it-trasport.

37. Il-mezz tat-trasport tal-laħam tat-tjur frisk ma jistax jintuża sabiex iwassal annimali ħajjin jew kwalunkwe prodott li jista' jkun kontra jew li jniġġes il-laħam sa kemm ma jkunx, wara li jħott dawk il-prodotti, mnaddaf sewwa, iddisinfettat u, meta meħtieġ, titneħħa r-riħa.

38. Laħam tat-tjur frisk jista' jiġi ttrasportat biss fl-istess ħin mas-sostanzi li jistgħu jaffettwawh jew jagħtuh ir-riħa jekk jittieħdu l-prekawzjonijiet approprjati.

39. Laħam frisk m'għandux jiġi trasportat f'vetturi jew kontenituri li m'humiex nodfa jew iddiżinfettati.

40. Il-veterinarju uffiċjali għandu jassigura li qabel ma ssir it-tagħbija l-vetturi tat-trasport u l-kontenituri u l-kondizzjonijiet tat-tagħbija jilħqu l-ħtiġiet ta' l-iġjene ta' dan il-Kapitolu.

*ANNESS II*

**ĦTIĠIET DWAR L-ASSISTENTI**

1. Dawn li ġejjin biss jistgħu jkunu aċċettati bħala assistenti: <il-persuni li
   (a) jipprovdu attestazzjoni minn awtorità kompetenti li huma ta' karattru tajjeb;
   (b) li għandhom edukazzjoni bażika adekwata;
   (ċ) huma fiżikament tajbin għall-impieg;
   (d) juru f'test l-abilità li għandhom għarfien tekniku adekwat.
2. Mingħajr preġudizzju għall-Kapitolu II (7) u (8) ta' l-Anness I, l-ebda persuna ma għandha tkun impjegata bħala assistent li:
   (a) teżerċita attività li tista' tinvolvi risku ta' infezzjoni tal-laħam tat-tjur frisk;
   (b) hija permezz ta' bejjiegħ tal-laħam, tieħu ħsieb biċċerija tat-tjur jew taħdem hemm fi kwalunkwe kapaċità, tinnegozja fit-tjur jew fl-għalf tat-tjur, hija konsulent fuq l-għalf tat-tjur, hija bidwi professjonali tat-tjur jew hija impjegata f'impriża agrikola.
3. It-test li għalih hemm referenza fil-paragrafu 1 (d) għandu jkun organizzata mill-awtorità ċentrali kompetenti ta' l-Istat Membru jew mill-awtorità appuntata mill-Istat Membru. Kandidati biss li jippruvaw li kellhom tliet xhur ta' taħriġ prattiku taħt uffiċjal veterinarju għandhom ikunu eliġibbli għal dan it-test.
4. It-test li għalih hemm referenza fil-paragrafu 3 għandu jikkonsisti f'parti teoretika u parti prattika u għandu jkopri is-suġġetti li ġejjin:
   (a) Parti teoretika:
      — għarfien bażiku ta' l-anatomija u l-fiżjoloġija tat-tjur;
      — Għarfien bażiku tal-patoloġija anatomika tat-tjur;
      — għarfien bażiku ta' ndafa u b'mod partikolari ta' l-indafa industrijali;
      — metodi u proċedura għall-qtil, preparazzjoni, imballaġġ u trasport tat-tjur;
      — għarfien tal-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi rrelatati mat-twettiq tax-xogħol tagħhom.
   (b) Parti prattika:
      — l-ispezzjoni u l-assessjar tat-tjur għall-qatla;
      — l-ispezzjoni u l-assessjar tat-tjur maqtula;
      — id-determinazzjoni ta' l-ispeċi ta' l-annimal minn eżaminazzjoni tal-partijiet tipiċi ta' l-annimal;
      — id-determinazzjoni ta' numru tal-partijiet tat-tjur maqtula li fihom ikunu seħħew tibdiliet, u kummenti dwar dan;
      — l-esperjenza ta' spezzjoni *post mortem* fuq linja ta' produzzjoni.

*ANNESS III*

*MUDELL*

**IĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SA~~ĦĦ~~A**

**għat-tjur ittrasportat minn fejn jinżamm sal-biċċerija**

Servizz kompetenti ..... Nru (1) .....

I. **L-Identifikazzjoni ta' l-annimali**

Speċi ta' l-annimal .....

Numru ta' l-annimali .....

Marka ta' l-identifikazzjoni .....

II. **L-Oriġni ta' l-annimali**

Indirizz tal-post ta' l-oriġni fejn ikunu nżammu .....

.....

III. **Id-Destinazzjoni ta' l-annimali**

L-annimali għandhom ikunu trasportati lejn il-biċċeriji segwenti:

.....

bil-mezzi ta' trasport segwenti: .....

IV. **Iċ-Ċertifikazzjoni**

Jiena, li qiegħed niffirma hawn taht, veterinarju uffiċjali, niċċertifika li l-annimali deskritti hawn fuq ġew eżaminati *ante mortem* fil-post imsemmi hawn fuq fi:

..... fil- .....

u nstabu b'sahhithom.

Magħmul fi ....., fil- .....

Firma tal-veterinarju uffiċjali

(.....)

(1) Mhux obbligatorja.

*ANNESS IV*

*MUDELL*

**IĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA**

**għal-laħam tat-tjur** (1) **frisk intiż sabiex ikun ikkonsenjat lejn Stat Membru fil-KEE**

Pajjiż ta' esportazzjoni ..... Nru (2) .....

Ministeru .....

Servizz kompetenti .....

Ref (2) .....

I. **L-Identifikazzjoni tal-laħam**

Laħam ta' .....
(speċi tal-annimal)

Natura tal-qata' .....

Natura ta' l-imballaġġ .....

Numru ta' imballaġġi .....

Piż nett .....

II. **L-Oriġni tal-laħam**

Indirizz(i) u numru(i) ta' l-approvazzjoni tal-veterinarju tal-biċċerija(i) .....

.....

.....

III. **Id-Destinazzjoni tal-laħam**

Il-laħam sejjer jintbagħat minn .....
(post fejn jitgħabba)

Lejn .....
(pajjiż u post tad-destinazzjoni)

Bil-mezz ta' trasport segwenti (3) .....

Isem u indirizz tal-kunsinnatarju .....

.....

Isem u indirizz ta' min qiegħed jirċievi .....

.....

IV. **Iċ-Ċertifikat tas-Saħħa**

Jien, li nifferma hawn taht, uffiċjal veterinarju, niċċertifika li:

(a) — il-laham tat-tjur deskritt[4]

— l-imballaġġ tal-laham deskritt hawn fuq (4)

fih marka li tipprova li l-laham ġej minn annimali maqtula f'biċċeriji approvati l-laham ġie mqatta' fi stabbilimenti tal-qtugħ approvati;

(b) dan il-laham ghadda bhala tajjeb ghall-konsum mill-bniedem wara spezzjoni veterinarja mwettqa skond id-Direttiva tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 1971 dwar il-problemi tas-saħħa li jaffettwaw il-kummerċ tal-laham tat-tjur frisk;

(c) il-vetturi tat-trasport u l-kontenituri u l-kondizzjonijiet tat-tagħbija ta' din il-konsenja jilħqu l-ħtiġiet ta' l-iġene stabbiliti f'dik id-Direttiva.

Magħmul fi ....., fil- .....

Firma tal-veterinarju uffiċjali

.....

(1) Laham tat-tjur frisk: laham frisk mill-ispeċi li ġejjin: tiġieġ domestiċi ħajjin, dundjani, farawni, papri u wiżża li ma jkunux ġewx ittrattati sabiex tkun assigurata l-preservazzjoni tagħhom; basta li l-laham tat-tjur li jkun ġie imkessaħ jew iffriżat għandu jitqies bħala frisk.

(2) Mhux obbligatorja.

(3) Għall-vaguni bil-ferrovija u għat-trakkijiet in-numru ta' reġistrazzjoni, għall-ajruplani n-numru tat-titjira u għall-vapuri l-isem għandu jingħata.

(4) Ħassar skond kif inhu approprjat.